MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 167/2003

**B.A.S. LIMITED**

**vs**

**TEKTRACO LIMITED**

**Il-Qorti ,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta’ attrici fit-18 ta’ Marzu, 2003 fejn talbet lil din il-Qorti ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn, mija u wiehed u tletin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm2,131.87), rapprezentanti prezz ta’ servizzi lis-socjeta’ konvenuta rezi fuq ordnijiet taghha stess skond prospett tas-socjeta’ attrici anness u mmarkat Dok. “A”.

Bl-ispejjez u bl-imgahxijiet legali mid-data tas-servizzi sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet:

Illi l-ammont rikjamat mhux dovut stante illi l-merkanzija li ngarret mill-atturi jew fuq struzzjonijiet taghhom wara nkarigu tal-konvenuti moghti lilhom sofriet danni konsiderevoli waqt il-garr minhabba li kienet esposta fuq il-gverta tal-vapur minghajr ma l-konvenuti kienu jafu b’dan.

Rat in-nota ta’ riduzzjoni tat-22 ta’ Gunju, 2005 fejn is-socjeta’ attrici rriduciet it-talba taghha ghas-somma ta’ elf, tliet mija u sitta u sebghin lira Malti (Lm1,376)

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li f’Marzu 2001 is-socjeta’ konvenuta mpurtat f’Malta zewg *fork lifters* tal-marka Hyster, wiehed ta’ tliet (3) tunellati u l-iehor ta’ seba’ (7) tunellati. Dawn il-*fork lifters* kellhom jigu ri-esportati lejn il-Libja u s-socjeta’ attrici giet imqabbda sabiex tipprovdi s-servizzi tat-traport lejn il-pajjiz fuq imsemmi. Is-socjeta’ attrici hadet hsieb id-dokumentazzjoni kollha u l-arrangamenti kollha sabiex il-*fork lifters* jintbaghtu permezz ta’ vapur lejn il-Libja.

Is-socjeta’ konvenuta ndikat lid-ditta WJ Parnis England bhala kapaci tipprovdi vapur ghat-tali trasport u s-socjeta’ attrici ghamlet l-arrangamenti kollha necessarji. Iditta WJ Parnis England thallset mis-socjeta’ attrici.

Meta l-merkanzija waslet il-Libja, s-socjeta’ konvenuta giet infurmata li l-*fork lifters* kellhom hafna hsarat fis-sistema eletrika u eletronika taghhom kawza ta’ perkulazzjoni ta’ l-ilma bahar f’tali sistemi. Ghalhekk, it-technical manager tas-socjeta’ konvenuta l-inginier Anthony Bartolo flimkien ma’ mechanic ta’ ditta ohra marru l-Libja fejn spezzjonaw il-*fork lifters* u setghu jikkonstataw illi saret hafna hsara

kawza ta' l-ilma bahar illi seta' jidhol biss minn naha ta' fuq tal-*fork lifters* (ara r-rapport fol.34).

Is-socjeta' konvenuta nkorriet fi spiza ta' elf, tliet mija u hamsa u tmenin lira Maltin u disghin cventezmu (Lm1,385.90) ghat-tiswija tal-hsarat subiti fil-*fork lifters* (fol. 38). Irrizulta illi waqt it-trasport il-*fork lifters* inggarrew fuq il-gverta ghad-insaputa tas-socjeta' konvenuta. Inzerta li r-raxx tal-bahar kien tant qawwi illi sab ruhu fis-sistema eletrika tal-*fork lifters* u b'hekk giet kawzata l-hsara fil-*fork lifters* in kwistjoni.

Filwaqt illi mhuwiex qed jigi kontestat li l-*fork lifters* ingarrew fuq il-gverta tal-vapur, is-socjeta' attrici li pprovdiet is-servizz tat-trasport, qeda tghid illi mhijiex responsabbli peress illi l-ghazla tal-vapur u l-agenti tieghu WJ Parnis England saret mis-socjeta' kovenuta. Fi kwalunkwe kaz, ghamlu referenza ghall-polza ta' karigu (para. 7.[2] u para. 10) fejn , "carrier cannot be held responsible for damage sustained." (Ara ittra 4 ta' Lulju, 2002 a fol. 25). Terga, s-socjeta' konvenuta ma gibditx l-attenzjoni tas-socjeta' attrici ghas-sensitivita' ta' l-apparat eletroniku u lanqas ma ghamlet xi talba specjali ghall-mod kif kellha tigi mbarkata l-merkanzija.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, l-Qorti jidhrilha illi s-socjeta' attrici ma qditx il-funzjoni taghha bhala depozitarja tal-merkanzija in kwistjoni u lanqas ma wriet diligenza bizejjed fl-organizazzjoni tas-servizz li hija giet inkarigata taghmel.

Carmelino Tanti, Oceanfreight Supervisor mas-socjeta' attrici (fol. 15) jaghti rendikont ta' dak kollu illi gara bejn iz-zewg socjetajiet fit-trasport tal-*fork lifters* in kwistjoni. Fix-xhieda tieghu jghid fost affarijiet ohra li l-agenti tieghu kienu WJ Parnis England u bi ftehim max-*shipper*, il-*fork lifters* kellhom jitqiesu bhal *"loose cargo"*.

F'e-mail li Ray Borg tas-socjeta' attrici baghat lis-socjeta' konvenuta (fol. 36) jghid fost affarijiet ohra, "… in normal

circumstances all loose cargo  is stored under deck …" Quindi, f'dan l-istadju s-socjeta' konvenuta kellha kull ragun tahseb illi l-merkanzija taghha kienet ser tkun kustodita fuq il-vapur kif titlob is-sengha ta' tali trasport. Tant hu hekk, illi meta l-*fork lifters* waslu Malta mill-Italja, gew spezzjonati minn rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta illi sabuhom f'kondizzjoni perfetta u mghottija bil-plastik biex ikunu protetti mir-raxx tal-bahar.

Brian Sciberras (fol. 45), Commercial Manager mas-socjeta' konvenuta, kien wiehed minn dawk li spezzjona l-*fork lifters* kif waslu Malta.  Seta' jara li kienu mghottija sew bil-plastik u f'kondizzjoni perfetta.  Huwa assigura ruhu qabel ma telaq illi l-*packing* kien tajjeb.

Pero' Carmelo Tanti a fol. 15 jghid illi meta l-*fork lifters* hargu minn go l-imhazen biex jitabbew fuq il-vapur lejn il-libja, qal illi fit-30 ta' Marzu 2001 il-*fork lifters* "instaqu" sa' hdejn il-bastiment "Brega Star", fejn kellhom jitabbew ghall-esportazzjoni.

Ovvjament, il-Qorti jidhrilha illi biex il-*fork lifters* instaqu bilfors li kellu jitnehha parti mill-plastik protettiv illi kien hemm fuqu.  Jidher pero' li dan ma regax tqieghed b'mod professjonali u kien ghalhekk illi waqt it-tragitt lejn il-Libja fil-maltemp, ir-raxx tal-bahar ghamel dik il-hsara kollha fil-partijiet eletrici u eletronici tal-*fork lifters*.

Irrizulta wkoll illi meta dawn ta' l-ahhar waslu l-Libja u gew ikkonsenjati lill-prpoprjetarji taghhom, instab illi hafna mill-plastik kien imqatta bicciet u l-*fork lifters* esposti ghall-elementi.

Meta s-socjeta' attrici giet imfaccata b'dawn il-fatti kollha, l-ewwel skuza kienet illi huma ma kienux jafu li l-merkanzija kienet ser tigi stivata fuq il-gverta (ara e-mail fuq imsemmija a fol. 36).

Bir-rispett, din mhijiex skuza.  Is-socjeta' attrici kellha d-dover illi tassigura li l-merkanzija tigi konsenjata lid-destinatarji taghha fl-istess kondizzjoni li rcevieta.  Bhala depozitarja, kellha d-dover illi taghmel dak kollu rikjest

minn *bonus pater familias* biex tindokra l-merkanzija u tassigura li bhala *loose cargo* din tkun stivata taht il-gverta u mhux fuqha.

Minn dan kollu ma ghamlet xejn u qalet lis-socjeta' konvenuta biex tfittex lill-*carrier* u cioe l-armaturi tal-bastiment Brega Star ghad-danni u wkoll inhbew wara klawzola ta' ezoneru fil-polza tal-kargu.

F'kawza deciza mill-Prim'Awla fit-13 ta' Novembru, 1995 fl-ismijiet Sylvana Camilleri et vs Alfred Pisani et noe, il-Qorti qalet li meta jkun hemm klawzola ta' ezoneru f'kuntratt, din ma tistax tigi applikata meta huma l-konvenuti stess li jkunu negligenti (f'dan il-kaz l-atturi). Ma jistax min jikkawza danni minhabba nuqqas tieghu stess jipprova jevita responsabbiltajiet tieghu bl-uzu ta' klawzola ta' ezoneru. Dan l-argument huwa simili hafna tat-taghlim tad-Dritt Ruman li, "Nullus commodum capere potest de inguria sua propria".

Il-Qorti hija sodisfatta li s-socjeta' attrici ma qditx l-inkarigu lilha moghti skond l-arti u s-sengha u lanqas ma lahqet dak il-grad ta' diligenza ta' *bonus pater familias* fit-twettiq ta' tali nkarigu. Irrizulta car li s-socjeta' attrici kienet taf xi tfisser *loose cargo*, li kien il-metodu ta' trasport bejn Malta u l-Libja u ma hadux il-briga illi tali kondizzjoni tigi osservata.

F'kawza moghtija mill-Qorti Civili sede Nferjuri Vella vs Bugeja deciza fit-3 ta' Frar 2003, nghad illi appaltatur li ma jottemprax ruhu mall-ftehim, jigifieri li jesegwixxi x-xoghol skond l-arti u s-sengha, mhuwiex intitolat ghall-hlas. (Ara wkoll Lino Borg vs Anthony Buttigieg De Piro et Prim'Awla 13 ta' Jannar 1995)

Irrizulta li s-socjeta' konvenuta hallset l-ammont ta' elf, tliet mija u hamsa u tmenin lira Maltin u disghin centezmu (Lm1,385.90) biex issewwi l-hsarat kawzati lill-*fork lifters* in kwistjoni (fol. 38), illi bejn wiehed u iehor huwa l-bilanc li qed titolb is-socjeta attrici permezz ta' din il-kawza

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li ladarba kienet is-socjeta' attrici responsabbli ghad-danni kawzati lis-socjeta' konvenuta, minhabba element ta' traskuragni fil-qadi ta' dmirijiet ta' l-istess socjeta' attrici, din ta' l-ahhar mhijiex intitolta tirkupra l-bilanc tas-servizz reklamat fl'avviz.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------